MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 6/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Alexander Lia (ID:301006M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Alexander Lia**

**vs**

**Paul Busuttil (ID:772459M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Jannar, 2005 fejn intqal:**
**Illi l-atturi qed jitolbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u zewg Liri u wiehed u tletin centezmu (Lm602.31) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-13 ta' Marzu, 2004, fi Triq il-Labour, Zejtun, bejn il-vettura bin-numru HAI-731 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura**

**numru DAR-457 misjuqa minn u propjeta’ ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Ottubru, 2004, il-konvenut baqa’ inadempjenti.**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin Lira (Lm25.00) ‘Excess’ imhallsa mill-assikurat tas-socjeta’ attrici, Alexander Lia, li kien assikurat taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Ottubru, 2004, u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbli mill-4 ta’ Ottubru, 2004, sal-gurnata l-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx pero` fis-seduta tal-25 ta’ Jannar, 2005 kien deher id-difensur tieghu.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fit-22 ta’ Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u sebgha u sebghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm577.31), u lill-attur Alexander Lia l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-4 ta’ Ottubru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ ottubru, 2004, u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------